**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 23 ta' Marzu 2025

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**Joel Scharf**

(Detentur tal-karta tal-identita' Germaniza bin-numru L72WVZ9XR)

**Il-Qorti,**

Rat li Joel Scharf ta' 20 sena iben Stefan Fuchs u Stephanie Scharf, imwieled Dinslaken Germanja fl- 4 ta' Lulju 2004 mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Germaniza bin-numru L72WVZ9XR, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli fit-22 ta' Marzu 2025 għall-ħabta ta' 11.00hrs, fuq titjira FR5205 direzzjoni lejn Malta ossia għall-ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1. Dħalt fi kwalunkwe inġenju tal-ajru waqt li kont fis-sakra, jew kont fis-sakra fi kwalunkwe inġenju tal-ajru u cioe FR5205 b'numru 9H-VUH u dan bi ksur ta' artikolu 49 (1) u tal-Kapitolu 641 tal-Liġijiet ta' Malta
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi abbord titjira FR5205 operata minn Ryanair pejjipt fuq inġenju tal-ajru reġistrat f'Malta 9H-VUH u dan bi ksur ta' artikolu 53 u tal-Kapitolu 641 tal-Liġijiet ta' Malta
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kont abbord inġenju tal-ajru 9H-VUH titjira FR 5205 li huwa reġistrat f'Malta ma obdejtx l-

ordnijiet leġittimi kollha tal-kmandant tal-inġenju tal-ajru li huwa jagħti bil-għan li jassigura s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru, tal-persuni jew il-proprjetà abbord l-inġenju, jew is-sikurezza, l-effiċjenza jew ir-regolarità tan-navigazzjoni fl-ajru u dan bi ksur tal-Art 54 (1) tal-Kapitolu 641 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-partijiet qablu li l-akkużat m'għandux jingħata piena karċerarja effettiva, wara li xtarret dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li kkunsidrat li l-akkużat iddispjeċih ta' dak li għamel, u fil-preżenza tal-Kaptan u tal-Crew tat-

titjira tar-Ryanair FR5205 tat-22 ta’ Marzu 2025 wera d-dispjeċir tiegħu u talab apoloġija lill-Kaptan u lill-Crew fil-Qorti bil-miftuħ, hija tal-fehma li m’għandix tiġi erogata piena karċerarja effettiva, u tenut kont tal-qagħda tal-imputat, student apprentista ta’ għoxrin sena li għandu tarbija ta’ sena li tiddependi minnu u li qed ifittex xogħol, u l-multa li se tiġi mposta għandha tkun viċin tal-minimu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 49(1), 53, 54(1) u 75(2) tal-Kapitolu 641 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat issib lill-Joel Scharf, detentur tal-karta tal-identita’ Germaniza bin-numru L72WVZ9XR ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta’ elfejn Ewro (€2,000) multa.

Il-Qorti tagħti l-fakolta li l-multa mposta titħallas fuq perjodu ta’ għoxrin xahar (20) b’rati ta’ mitt Ewro fix-xahar.

Finalment il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------